# Sr Epiphania Cassar



*Kan. Dun Ġorġ Spiteri*

Il-parroċċa taż-Żejtun, f'dawn l-aħħar 70 sena, kienet imżejna b'numru ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tant hu hekk, li fil-parroċċa tagħna, minbarra li kellna għadd mhux ħażin ta' reliġjużi rġiel, kellna u għad għandna żewġ kongregazzjonijiet ta' sorijiet reliġjużi: dik ta' Ġesù Nazzarenu, imwaqqfa minn Ġużeppina Curmi, u dik tal-Qalb ta' Ġesù, li l-fundattriċi kienet Tereża Nuzzo.

Ħafna xebbiet żgħażagħ Żwieten kienu msejħin mill-Mulej biex iħaddnu l-ħajja reliġjuża. Hekk kienu joffru ħajjithom lill-Mulej u jgħixu f'ubbidjenza lejn is-superjuri tagħhom. Il-ħajja tagħhom kienet fil-komunità, ma' sorijiet oħra. Waħda minn dawn is-sorijiet kienet propju Sr Epiphania Cassar, mir-raħal tagħna, li għexet kważi ħajjitha taħdem fil-qasam tal-edukazzjoni tat-tfal.

Jiena wieħed mill-mijiet ta' tfal li ħafna snin ilu konna nattendu l-iskola tagħhom. Żgur li konna ffortunati li s-sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù tawna dak kollu li kellna bżonn biex ġejna ffurmati bħala studenti.

Dan l-artiklu qed niktbu biex infakkar il-memorja ta' Sister Epiphania li tant kienet maħbuba, mhux biss miż-Żwieten, imma minn ħafna nies li kienu jafuha.

Sr Epiphania, l-isem propju tagħha kien Tereża jew Tessie, twieldet fil-parroċċa tagħna fis-17 ta' Diċembu, 1946 minn Joseph Cassar ta' Ċirell u Antonia nee Fenech minn taċ-Ċin. Huma kellhom ħamest itfal, li tnejn minnhom, Sr Sandra u Sr Epiphania, ingħaqdu mal-Kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesù.

Sr Epiphania daħlet reliġjuża fit-23 ta' Mejju 1968, fl-età ta' 22 sena, fil-kongregazzjoni tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù.

Bħala reliġjuża hija kienet f'diversi djar, fosthom Ħal Kirkop, fejn hija kienet superjura. Fiż-Żejtun u l-Ħamrun, għal ħafna żmien kienet għalliema fl-iskejjel tagħna u anke kellha r-responsabbiltà ta' Kindergarten Assistant.

Peress li Sr Epiphania kienet kwalifikata bħala nurse, fl-1975, l-ubbidjenza bagħtitha tagħti s-sehem tagħha fil-missjoni li l-kongregazzjoni kellha fil-Libja. Għamlet ukoll xi żmien tgħin lis-sorijiet morda fil-kunvent ta' Fleur de Lys.

Sr Epiphania kellha ħafna għal qalbha t-tagħlim tad-duttrina. Hija kellha mħabba kbira lejn it-tfal li kienu jiġu f'kuntatt magħha u kienet dejjem tagħmel mill-aħjar biex tagħtihom valuri Nsara.

Dan l-appostolat fl-iskola u t-tagħlim tad-duttrina ġabha f'kuntatt anke ma' ħafna ġenituri. Hija għenet ħafna meta huma kienu jaqsmu magħha d-diffikultajiet tagħhom. Mhux ta' b'xejn li kienet imfaħħra minn ħafna nies li kellhom uliedhom studenti żgħar tagħha.

Fil-parroċċi fejn kienet, dejjem kont taraha lesta li tgħin speċjalment bħala ministru straordinarju tat-tqarbin, u bħala membru attiv fil-Kunsill Parrokkjali.

Din is-soru kellha wkoll spirtu missjunarju u kienet tagħmel mill-aħjar biex tgħin lill-missjunarji, kemm finanzjarjament, kif ukoll bit-talb. Ma ninsewx li oħtha, Sr Sandra tista' tgħid sal-ġurnata tal-lum tgħix fl-artijiet tal-missjoni li l-kongregazzjoni għandha.



Din il-ħajja ta' attività, Sr Epiphania, żgur kienet twettaqha għax kellha għaqda intima mal-Mulej. Hija kienet devota kbira tal-Ewkaristija u l-ħajja komunitàrja kienet tagħtiha importanza kbira.

Hija kellha devozzjoni kbira lejn il-fundattriċi M.T.Tereża Nuzzo, tant li sal-aħħar mumenti tal-marda tagħha hija kienet titlobha ħafna u żżomm ix-xbieha tagħha maġenb is-sodda. Kellha fidi qawwija li l-Omm spiritwali tagħha, Marija Verġni, kif ukoll Santa Katarina jieħdu ħsiebha mis-sema.

Sr Epiphania aċċettat b'rassenjazzjoni kbira t-tbatija li għaddiet minnha fl-aħħar xhur, mingħajr ħadd ma kien jaf, ħlief xi ftit li kienu jgħixu qrib tagħha. Kważi lanqas il-familjari tagħha, inkluż jien sekonda kuġin tagħha, ma konna nafu b'dak li kienet għaddejja minnu, u li kien se jwassalha sal-mewt. Infatti, il-mewt tagħha kienet ta' sorpriża għal ħafna li kienu jafuha. Sr Epifhania mietet fit-tlettax ta' Novembru 2017 ta' 70 sena.

Iż-Żejtun jgħidlek grazzi Sr Epiphania. Nitolbu 'l-Mulej għaliha biex jagħtiha l-glorja tal-ġenna. Nitolbu wkoll biex ikollna vokazzjonijiet bħal din is-soru li dejjem kienet ġeneruża mal-Mulej u dejjem qaltlu iva għal dak li ried minnha.

Nxtieq nirringrazzja lil Sr Valeriana Farrugia li għenitni f'dan l-artiklu.

